6 ta' Settembru, 1952.

Imħallef :

L-Onor. Dr. W. Harding, B.Litt., LL.D.

**Il-Pulizija *versus* Pawlu Borg et.**

## Traffiku — Kolliżjoni — "Speed" — Daqq tal-Horn.

*Għalkemm driver għandu joqgħod dejjem attent, sija jekk ikun fuq it-triq id-dritta kemm ukoll jekk ikun sejjer jidħol fiha, huwa intuwitiv li d-driver li jkun sejjer jidħol fit-triq id-dritta minn triq oħra għandu obligu akbar minn dak tad-driver fuq it-triq id-dritta; u dan għas-sempliċi raġuni li hu jkun ser jaqsam li "stream of*

*traffic" li jkun hemm fuq it-triq id-dritta, mentri d-driver fuq it-triq d-dritta, ladarba sejjer ikompli għad-dritt, ma jkun sejjer ifixkel lil ħadd.*

*Jekk iż-żewġ drivers li jkunu implikati fil-kolliżjoni setgħu jaraw lil xulxin fi żmien utili, il-fattur ta' li "speed" ma għandu x'jaqsam xejn fil-kawża determinanti tal-kolliżjoni, kif lanqas il-fattur tad-daqq tal-horn.*

Dawn iż-żewġ imputati ġew imressqin quddiem il-Qorti Kriminali tal-Maġistrati ta' Malta biex jirrispondu għall-imputazzjoni, kwantu għal Borg, illi fit-12 ta' Marzu 1952, għal xi s-2.30 p.m., minħabba nuqqas ta' għaqal, traskuraġni, u inosservanza tar-regolamenti, waqt li kien qed isuq motor car numru 13788 minn Qormi Road, limiti ta' Ħal Luqa, ħabat ma' motor car numru 1419, u għamillu ħsara, u kwantu għal Michael Xerri, illi fl-istess jum u ħin, minħabba nuqqas ta' għaqal, traskuraġni, u inosservanza tar-regolamenti, waqt li kien qed isuq motor car numru 1419 minn Imġieret Road lejn Qormi Road, limiti ta' Ħal Luqa, ħabat ma' motor car numru 13788 u għamillu ħsara, u għamel ukoll ferita ta' ftit importanza fuq il-persuna ta' l-imputat l-ieħor Borg, skond ċertifikat mediku;

Bis-sentenza tagħha tal-25 ta' April 1952, mogħtija fuq iż-żewġ ċitazzjonijiet trattati kontestwalment, dik il-Qorti sabet lill-imputati ħatja skond l-imputazzjoni, ikkundannat lill-imputat Borg għall-piena tal-multa ta' £2, u tat lill-imputat Xerri l-benefiċċju ta' l-art. 23 Kodiċi Kriminali;

Iż-żewġ imputati appellaw, u talbu li jiġu dikjarati mhux ħatja, billi kull wieħed isostni li l-ħtija kienet ta' l-ieħor;

L-appell tagħhom ġie trattat kontestwalment, u peress li l-fatt huwa wieħed, u s-sentenza appellata hija waħda, għal-hekk anki din il-Qorti sejra tiddisponi miż-żewġ appelli f'sentenza unika, skond il-prattika solita;

Fuq dawn l-appelli, din il-Qorti kkunsidrat;

It-topografija tal-post fejn saret il-kolliżjoni, kif indikata fl-iskizz fol. 4 ta' l-inkartament "Pulizija vs. Borg", hija ta' l-akbar importanza f'dan il-każ. Borg (li kien ġej minn Raħal il-Ġdid) kien għaddej, u kien sejjer ikompli għaddej, minn Qormi Road, dirett għal Ħal Qormi. Qormi Road hija "straight road", u anki f'din il-lokalità tibqa' sejra għad-

dritt. Xerri kien nieżel mit-triq ta' l-Imgieret li f'dan il-*post tidħol f'Qormi Road u tispiċċa fiha*, kif juri l-iskizz. Għalhekk proprjament ma hijiex kwistjoni ta' "main road" u "side road", imma hija pjuttost kwistjoni ta' driver li qiegħed isuq fi triq dritta, u driver ieħor li minn triq oħra (Imgieret Road) sejjer jidħol fi triq dritta (Qormi Road);

Ix-xhieda mismugħa mill-Qorti fuq il-post aċċertaw il-post tal-kolliżjoni kif indikat fl-iskizz. Peress li t-triq hija wiesa biżżejjed, peress li ma kienx hemm xi konġestjoni ta' traffiku dak il-mument, u peress li ż-żewġ drivers raw lil xulxin *minn distanza adegwata, ir-raġuni tal-kolliżjoni bilfors* kienet l-effett ta' żball mill-parti ta' wieħed miż-żewġ drivers;

Din ir-raġuni, li kienet tidher anki qabel ma sar l-aċċess fuq il-post, saret ferm aktar ċara meta sar l-aċċess. Infatti l-imputat Xerri, fix-xhieda tiegħu fuq il-post, qal li hu ħaseb li Borg "kien sejjer jgħaddi minn warajh". Dawn il-kliem isolvu l-problema;

Infatti, għalkemm driver għandu joqgħod dejjem attent, sija jekk ikun fuq it-triq id-dritta kemm ukoll jekk ikun sejjer jidħol fiha, hu intwitiv, u hu prinċipju affermat f'diversi deċiżjonijiet tal-Qrati Ingliżi, illi d-driver li sejjer jidħol fit-triq id-dritta minn triq oħra għandu obligu akbar minn dak tad-driver fuq it-triq id-dritta, għas-sempliċi raġuni li hu jkun sejjer jaqsam li "stream of traffic" li jkun hemm fuq it-triq id-dritta; mentri d-driver fuq it-triq id-dritta, ladarba sejjer ikompli għad-dritt, ma jkun sejjer ifixkel lil ħadd. Qal sewwa, infatti, Lord President Clyde, fil-kawża li ġiet quddiem il-Qorti ta' Scotland fl-ismijiet "Mc............... vs. Glasgow Corporation (1923) S.C. 397...........", "generally speaking, the duty of a driver whose course is calculated to disturb the ordinary stream of traffic on a road is of a higher order". Dan il-prinċipju ġie riaffermat mill-istess Lord President fil-kawża "Hutchinson vs. Leslie 1927, S.C. 95", fejn qal:— "Now, entering one road from another is more difficult than continuing straight along the same road; and for that reason the side-road user must use more care";

Mela hu ċar illi Xerri, li kien dieħel minn Imgieret Road għal ġo Qormi Road, u li kien sejjer jaqta' li "stream of

traffic'' fuq din it-triq, kellu obligu ta' attenzjoni akbar milli kellu Borg, li kien miexi fuq triq dritta u kien sejjer ikompli miexi fuq triq dritta;

Il-pożizzjoni tal-cars wara l-ħabta hija veru każ ta' ''res ipsa loquitur''. Xerri baqa' dieħel ġo Borg, u infatti l-ħsara tal-car ta' Borg hija fil-''bumper'' ta' quddiem in-naħa tax-xellug, fil-''mud-guard'' tax-xellug, u fir-rota ta' quddiem tax-xellug. Ir-raġuni il-għaliex Xerri baqa' dieħel ġo Borg tirriżulta minn kliemu stess fuq riportati. Hu ħaseb li Borg kien sejjer jgħaddi minn warajh;

Dan juri fl-imputat Xerri mhux biss ''error of judgment'' gravi, imma anki inkomprensjoni krassa tar-regolamenti stradali. Hu kien messu fehem, kieku kellu ''traffic instinct'' l-aktar elementari, li Borg, galadarba ma ta ebda sinjal in kuntrarju b''idu jew bit-''traffic indicator'', kien sejjer ikompli għaddej għad-dritt, u kien imissu jagħtih iċ-''chance'' li jgħaddi, u ma kien imissu qatt jippretendi li jibqa' dieħel f'Qormi Road minn Imġieret Road, u jippretendi li intant Borg f'lok jibqa' għad-dritt, jagħmel speċi ta' kurva ('sweep') fis-sewqan biex jagħtih kamp jgħaddi. Driver ieħor prudenti kien inaqqas li speed b'mod li jħalli lil Borg jgħaddi, u mbagħad, jekk ma jkunx hemm traffiku ieħor, jaqsam u jieħu s-side tiegħu f'Qormi Road. L-imputat Xerri, bi traskuraġni kompleta ta' dak il-''higher duty'' li għandu driver li minn triq ikun dieħel f'oħra, baqa' għaddej jaqsam il-linja tat-traffiku fuq Qormi Road, u spera jew ħaseb li Borg kellu jipprevedi din il-mossa inkonsulta tiegħu, u f'lok jibqa' għad-dritt jagħmel ''sweep'' biex Xerri jgħaddi;

Għalhekk hu ċar li kien dan l-iżball ta' Xerri, u xejn aktar, li kkaġuna l-kolliżjoni. Il-fattur ta' li speed ma kellu x'jaqsam xejn fil-kawża determinanti tal-kolliżjoni, kif lanqas il-fattur tad-daqq tal-horn; għaliex id-drivers setgħu jaraw lil xulxin fi żmien utili:

Għal dawn il-motivi;

Tiddeċidi;

Billi tiċħad l-appell ta' Xerri u, għalkemm għal raġunijiet diversi, kif jidher fuq, tikkonferma d-dikjarazzjoni tiegħu ta' reità;

Billi tilqa' l-appell ta' Borg, tiddikjarah mhux ħati, u tordna li jiġi liberat.